MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru 1023/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor V. Micallef)**
**vs**

**JANET WENDY AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Janet Wendy Agius ta' 33 sena, bint Paul Agius u Giovanna nee' Piscopo, imwieled nhar l-14 ta' Jannar 1975, Pieta', residenti 173, Fl 2,, Triq Rodolfu Sliema. ID 146875 M.

Billi giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis-06 ta' Lulju 2008 ghal habta ta 01:30a.m., waqt li kien fi Triq Ball, San Giljan, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed l-hajja fil-

periklu car, ikkagunat feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Roxanne Cassar.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Roxanne Cassar jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b’obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta’ flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok TM1 u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Janet Wendy Agius, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Janet Wendy Agius ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum l-imputata

Janet Wendy Agius tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Janet Wendy Agius b'obbligazzjoni personali ta' mittejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li zzomm il-kwiet ma' Roxanne Cassar ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Janet Wendy Agius l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------